**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Lauren Micallef**

Illum 9 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Lauren Micallef, ta' 29 sena bint Mario u Carmen nee' Cuschieri, imwielda fil-31ta' Mejju, 1986 u residenti 8, Victoria Flat 1, Triq Luqa Briffa, Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 245286 (M):

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta' Mejju 2016, ghal habta ta' bejn it-20:00hrs u 22:00 hrs ta' filghaxija, gewwa 8, Victoria, Flat 8, Triq Luqa Briffa, Naxxar:

1. Ikkommettiet serq aggravat ta' Cashlink Card tal-BOV ghad-detriment ta' Janis Sciberras ID 472882 (M), liema serq hu ikkwalifikat:

   a) Bil-'persuna' minhabba li r-reat sar mill-mistieden jew minn xi hadd tal-familja tieghu, fid-dar fejn ikun milqugh bhala mistieden, jew, taht l-istess cirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi hadd tal-familja tieghu, bi hsara tal-mistieden jew ta' xi had tal-familja tieghu;
   b) Bil-'lok' minhabba li r-reat sar f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha; u kif ukoll.
   c) Bil-'hin' minhabba li r-reat sar bil-lejl, jigifieri, bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta' Mejju 2016 u/jew l-granet ta' wara:

2. Ikkommettiet serq aggravat ta' €243.83 permezz tal-istess Cashlink Card tal-BOV u dan ghad-detriment ta' Janis Sciberras ID 472882M, liema serq hu ikkwalifikat:

   a) Bil 'valur' meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u rebgha u disghin cen ntezmu (€232.94).

U aktar talli f'dawn il-Gzejer, bejn l-5 u t-18 ta' Mejju 2016, b'diversi atti maghmula minnekk li gew maghmula fi zminijeit differenti pero li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi:

3. Insulentat, heddedt jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lil Janis Sciberras ID 472882(M).

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-5 u t-18 ta' Mejju 2016, b'diversi atti maghmula minnha li gew maghmula fi zminijiet pero' li jiksru l-istess dispozzjonjiet tal-ligi:

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li ggieghel lil Janis Sciberras ID 472882M taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafamat lil Janis Sciberras ID 472882(M), jew xi persuni ohra jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-5 u t-18 ta' Mejju 2016:

5. Gabet ruhha b'tali mod li tat fastidju lil Janis Sciberras ID 472882 (M), u b'mod li kienet taf jew li messha kienet taf li dak li ghamlet kien ta' fastidju ghal Janis Sciberras ID 472882(M).

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-5 u t-18 ta' Mejju 2016:

6. Bl-imgieba taghha, ikkagunat lil Janis Sciberras ID 472882 (M) tibza' li se tintuza' vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

U aktar talli:

7. Wettqet reat/i waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata moghtija mill-Qrati ta' Malta Magistrat Dr D Clarke LL.D nhar il-11 ta' Frar 2015.

U aktar talli:

8. Irrendiet ruhha recidiva b'sentenza tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma cioe' Janis Sciberras ID 472882 (M).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ghal vittma cioe' Janis Sciberras ID 472882 (M) u dan ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata iddikjarat li ma kellhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet u li kkonfermat l-istess ammissjoni wara li nghatat zmien sabiex tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li l-imputata hallset lura lill-parte civile dak li haditilha u min-naha l-parte civile hafret lill-istess imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 251A, 251B, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(a), 280(1), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u inkwantu ghall-ewwel sitt u ghat-tmien imputazzjonijiet il-Qorti tapplika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghas-seba' imputazzjoni l-Qorti testendi t-termini tal-liberta' kundizzjonata imposta bis-sentenza tal-11 ta' Frar 2015 ghal perjodu ta' sena millum.

Illi m'hemmx htiega ghall applikazzjoni tal-artikolu 383 u ghal hrug ta' ordni ghat-trazzin.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk tikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat